# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 31/2022: DR ANDRE BORG (KI. 141883M) BĦALA MANDATARJU TA' PEPPE TRANSPORT LIMITED (C66741) V. BUILDING AND POOLS LTD (C76644)

(ID-DISTINZJONI BEJN PERJODU TA' DEKADENZA U PERJODU TA' PRESKRIZZJONI – PERJODU TA' DEKADENZA LA JISTA JIGI INTERROTT LANQAS IPPRESERVAT, IPPROLUNGAT JEW RINZUNZJAT – M'HEMMX INKOMPATIBBILITA' BEJN L-ECCEZZJONI TA' DEKADENZA U L-ECCEZZJONI LI L-AMMONT PRETIZ HUWA ESAGERAT JEW ECCESSIV – L-PERJODI TA' LIMITAZZJONI ELENKATI TAHT L-ART. 544 TAL-KODICI KUMMERCJALI HUMA KOLLHA PERJODI TA' DEKADENZA – L-EĊĊEZZJONI TAD-DEKADENZA TA' AZZJONI GĦALL-HLAS TA' NOLL TAĦT L-ART. 544(A) TAL-KAP. 13 MA TAPPLIKAX META SI TRATTA TA' "COMBINED TRANSPORT" )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

rat ir-rikors ta' Dr. Andre Borg bħala mandatarju ta' Peppe Transport Limited ("ir-rikorrenti") ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022[1] li permezz tiegħu talab lil Building Pools Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ:

[1] Fol 1

u tgħid il-għaliex ma għandekx tkun ikkundannata li *tissalda s-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u tnejn u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€11,652.50), oltre l-imgħaxx legali sad-data tal-pagament effettiv. Illi dan il-bilanċ huwa dovut minnek għas-servizzi ta' transport li ingħatajt fuq talba tiegħek stess. Illi minkejja d-diversi tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim sabiex jiġi saldat dan l-ammont dovut, inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-Ittra Uffiċjali 166A bin-numru 1646/2021 u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2329/2021 u r-risposta tal-Kontro Mandat ta' Sekwestru minnek intavolat bin-numru 93/2022 fl-ismijiet premessi;*

rat ir-risposta tal-kumpanija intimata ppreżentata fil-11 ta' Marzu 2022[2] li permezz tagħha *inter alia* wieġbet kif ġej:

1. Illi preliminarjament, it- talbiet attrici huma preskritti skond l- artikolu tnejn u tletin (32) tal- Iskeda tal- Att Dwar il- Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (Kapitolu erba' mija u sitta u tmenin (486) tal- Ligijiet ta' Malta);

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas- suespost, it- talbiet attrici huma preskritti skond l- artikolu hames mija u erbgha u erbghin sub inciz 'e' (544 (e)) tal- Kodici tal- Kummerc (Kapitolu tlettax (13) tal- Ligijiet ta' Malta);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas- suespost, it- talbiet attrici huma minghajr ebda fundament guridiku u fattwali kif ser jigi pruvat fil- mori ta' dawn il- proceduri;

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, is- socjeta' attrici ghandha ggib prova shiha u ezawrjenti tat- talbiet taghha u tal- prezzijiet miftehema;

5. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas- sueccepit, l- ammont mitlub huwa esagerat.

rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023 id-difensur tal-intimata ssollevat ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-Art. 544(a) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta,

rat li fir-rigward tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari wara li l-Qorti semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza

[2] Fol 5-6

tagħhom, wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-*affidavit/s* u wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rispettivi, tat sentenza parzjali fit-23 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema sentenza l-Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet,

rat li fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2023 wara li ngħatat s-sentenza msemmija l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu fuq l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni u lanqas ma' kellhom trattazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward biex b'hekk il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. Kif ingħad, din is-sentenza hija limitata għal deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni illi l-intimata ressqet fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023 ai termini tal-Art. 544(a) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Din tipprovdi kif ġej:

   **'544. L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:**

   **(a) kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ ...'**

3. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, huwa ormai paċifiku anke mill-ġurisprudenza nostrana illi darba l-Art. 541 tal-Kap. 13 jipprovdi illi: "iż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il- Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji ..." allura l-perjodi ta' limitazzjoni elenkati taħt l-Art. 544 huma kollha perjodi ta' dekadenza nonostante illi l-istess artikolu jirreferi għalihom bħala żminijiet ta' *"preskrizzjoni"*.[3]

4. Fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit** (Appell Civili, 16/01/1920) il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

   *"Secondo i principii di diritto quando la legge stabbilisce un termine entro cui un atto si deve compiere .. quel termine anziche di prescrizione e termine di decadenza nel senso che decorso quel termine quell 'atto non e piu ammissibile: e, nel caso, si tratta di un termine di procedura in cui il decorrimento del tempo, a differenza che nei termini di prescrizione, opera*

[3] Ara *inter alia* **Dr. Andrew Chetcuti Ganado et noe v. Gollcher Company Limited** (App Ċiv Nru 214/2008/1 PS, 11/12/2009), **Express Trailers Limited v. HH Limited** (App Ċiv Nru 1774/2004/1 PS, 11/01/2006) u **Cassar Fuel Ltd v. Avv Christian Farruġia noe** (PA, Rik Nru 957/2018 TA, 01/12/2022)

*da sola la decadenza... Inoltre la dottrina pone il criterio distintivo fra termine di prescrizione e termine di decadenza in cio che, se la disposizione che avesse un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratti di prescrizione e non abbia i caratteri di questa, si trattava di una decadenza piuttosto che di una prescrizione"*

5. Fis-sentenza **Paolo Koludrovich v. Carmelo Muscat** (Qorti tal-Appelli Kummercjali, 01/06/1959) il-Qorti għamlet riferenza għal diversi awturi dwar il-kwistjoni:

   *"Illi d-distinzjoni bejn preskrizzjoni u dekadenza hi materja indubbjament sottili; u billi jonqos il-kriterju fissat mill-ligi, l-opinjonijiet huma wisq varji, u ma jonqsux skritturi li jaffermaw l-identita` tad-dekadenza u tal-preskrizzjoni, jew almenu analogija tali li tispingi ruhha ghall-akbar grad bejn il-wahda u lohra. U difatti, Dunot jikkonfondi t-termini ta` preskrizzjoni u t-termini stabbiliti that piena ta` dekadenza; u Merlin jghallem illi d-dekandenzi huma suxxerribbli tal-applikazzjoni tar-regoli kollha proprji tal-preskrizzjoni estintiva, sakemm il-ligi ma tiddisponix altrimenti, sija f` termini espressi, sija b` mod implicitu in rapport ta` xi whud minnhom; filwaqt li Troplong, Laurent, Aubry et Rau, u Lereaux de Bretagne ippruvaw jistabilixxu distinzjoni bejn iddekandenzi u l-preskrizzjonijiet….Skond Pugliese id-differenzi karatteristici bejn iz-zewg istituti huma dawn: il-preskrizzjoni tikkolpixxi direttament id-dritt, id-dekadenza testingwi l-azzjoni pura u semplici; il-preskrizzjoni titfi d-dritt u tipproduci l-liberazzjoni minn obbligazzjoni jew minn piz, id-dekadenza, ghallkuntrarju, tirrendi inoppunjabbli d-dritt li kontra tieghu kienet tista` tigi , u invece ma gietx, ezercitata l-azzjoni spettanti lill-avversarju; izda l-istess Pugliese jirrikonoxxi illi l-ewwel proposizzjoni hija hafna kontroversa. Ghalhekk, skond Pugliese, id-dekadenza ma tipproducix il-konsolidazzjoni ta` stat difformi mid-dritt, ghall-kuntrarju, tikkonserva u tikkorrobora l-istat guridiku pre-ezistenti, imma tnehhieh minn kull kontestazzjoni, u kwindi tipproduci l-effett dijametrikalment oppost ghal dak tal-preskrizzjoni…."*

6. Għalhekk it-terminu ta' sena provdut taħt l-Art. 544(e) tal-Kap. 13 la jista' jiġi interrott u lanqas b'mod ieħor ippreservat u pprolungat, kif kien ikun il-każ Ii kieku l-perijodu kien wieħed preskrittiv tal-azzjoni. Dan ifisser ukoll li lanqas hi ammessa rinunzja għall-eċċezzjoni bħal din. Li kieku kienet tkun ammissibbli filfatt l-intimata kienet ikollha impediment serju li ssostni l-eċċezzjoni tagħha stante illi l-ħames eċċezzjoni tagħha, dik illi l-ammont mitlub huwa esaġerat, hija manifestament inkompatibbli mal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

7. Jonqos issa illi jiġi kkunsidrat jekk l-eċċezzjoni in kwistjoni tapplikax għall-azzjoni spedita mir-rikorrenti.

8. Jirriżulta mill-provi li s-somma reklamata mill-kumpanija rikorrenti tikkonsisti minn servizzi ta' noll in konnessjoni mal-ġarr ta' merkanzija mill-Italja għal Malta. F'dan ir-rigward fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-4 ta' Lulju 2022, id-direttur tal-intimata **Emanuele Pagano Mariano** xehed[4] illi l-kumpanija intimata taħdem fl-industrija tal-kostruzzjoni. Skond Mariano l-intimata ma' kelliex relazzjoni diretta ma' Peppe Transport Ltd iżda filfatt meta kien ikollhom bżonn trasport ta' merċa mill-Italja kienu jingaġġaw lill-kumpanija Ragusana Trasporti S.r.l. Din il-kumpanija kienet torganizza t-trasport tal-merċa bit-trakkijiet tagħha u ta' kumpaniji oħra u f'xi okkażjonijiet kienet tinqeda bil-kumpanija rikorrenti Peppe Transport Ltd. Meta kien il-każ li jkollha bżonn lil Peppe Transport Ltd, l-intimata kien tikkomunika direttament magħha bit-telefon. Spjega illi l-merċa kienet tiġi trasportata minn Ragusa, Sqallija, għall-port ta' Pozzallo minn fejn imbagħad kienet titwassal permezz tal-*catamaran* u ċioe bil-baħar għal Malta. Fil-port ta' Malta l-merċa kienet titwassal mill-vapur għall-punt ta' distribuzzjoni ħdejn l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali f'parkeġġ li jinsab ħdejn l-Ambaxxata Amerikana.

9. In kontroeżami fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2022 l-istess **Emanuele Pagano Mariano** xehed illi Ragusana Trasporti S.r.l. kienet il-*mother company* għalkemm ma' setax jgħid jekk ir-rikorrenti Peppe Transport Ltd kienetx tifforma ukoll parti mill-grupp tagħha.[5] Tant, skond ix-xhud, kemm hu minnu li r-relazzjoni tal-intimata kienet ma' Ragusana Trasporti S.r.l. illi fuq il-*consignment note* esebita bħala Dok AB2 a fol 108 jidher it-timbru u l-firma tagħha.[6] Stqarr illi għalkemm huwa jaf, għax kien kellmu kemm il-darba, lil ċertu Leonardo Carnazza, madanakollu kien issa li skopra li filfatt dan il-persuna huwa direttur tal-kumpanija rikorrenti Peppe Transport Ltd.

10. Fl-istess seduta xehed **Leonardo Carnazza**, direttur tal-kumpanija rikorrenti, fejn dan stqarr illi Peppe Transport Ltd u Ragusana Trasporti S.r.l jiffurmaw parti minn grupp wieħed iżda Peppe Transport Ltd hija responsabbli għall-ġarr lejn Malta. Il-ġarr jibda billi l-merkanzija titwassal minn Ragusa lejn il-port ta' Pozzallo.

11. Il-Qorti tara illi f'dan l-istadju la għandha u lanqas tista' tidħol fil-mertu tal-kwistjoni mqajjma minn Emanuele Pagano Mariano dwar il-fatt li r-relazzjoni tal-kumpanija intimata kienet ma' Ragusana Trasporti S.r.l. Dan kemm għaliex din il-kwistjoni qatt ma ġiet sollevata mill-intimata *per via d'eccezione* u kemm għaliex din is-sentenza

---

[4] Fol 19-49
[5] Fol 58
[6] Fol 64

hija riservata għal deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni mressqa mill-istess intimata.

12. Fl-istess ħin il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi mid-dokumenti esebiti fil-proċess, senjatament is-CMR Consignment Notes a fol 68-107 li huma abbinati mal-fatturi maħruġa minn Peppe Transport Ltd) kollha jindikaw lil Peppe Transport Ltd bħala t-trasportatur (f'kaxxa numru 16) għalkemm huma minnu illi imbagħad fil-kaxxa numru 23 it-timbru tat-trasportatur jindika jew lill-kumpanija Ragusana Trasporti S.r.l jew lil kumpanija Iblea Trasporti S.r.l.

13. Minn dawn is-CMR Consignment Notes jirriżulta pruvat, jekk qatt kien hemm dubbju, illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija legalment suġġetta għad-disposizzjonijiet tas-CMR Convention jew aħjar il-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija tal-1956 ("il-Konvenzjoni"). Fl-Artiklu 1.1 tal-istess Konvenzjoni hemm indikat illi:

> **"This Convention shall apply to every contract for the carriage of goods by road in vehicles for reward,the carriage of goods by road in vehicles for reward, when the place of taking over of the goods and the place designated for delivery, as specified in the contract, are situated in two different countries, of which at least one is a Contracting country"**

Inoltre ai termini tal-Art. 2.1:

> "**Where the vehicle containing the goods is carried over part of the journey by sea, rail, inland waterways or air, and, except where the provisions of article 14 are applicable, the goods are not unloaded from the vehicle, this Convention shall nevertheless apply to the whole of the carriage..."**

14. Jirriżulta ċar illi parti mit-traġitt kien ikun bit-triq u parti minnu bil-baħar u allura s-servizzi reżi kienu jaqgħu taħt il-kappa ta' "*combined transport*".

15. F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna rritenew f'iżjed minn okkażjoni waħda illi azzjoni għall-ħlas tal-ġarr meta t-trasport ma' jkunx sar esklussivament bil-baħar, u għalhekk ikun *combined transport,* ma' taqax taħt l-Art. 544(a) tal-Kap. 13. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Carmelo sive Charles Grima noe v. Joseph Petroni noe.</u>** (09/03/1988, Qorti tal-Kummerċ per Imħallef Joseph Camileri) f'kuntest fejn il-ġarr tal-merkanzija kien minn diversi postijiet fl-Ewropa (prinċipalment mill-Ġermanja) għall-Malta permezz ta' trasport bl-art u bil-baħar, il-Qorti qablet mat-teżi ta' Perit Legali maħtur minnha u ċioe illi:

> *"Il-kuntratt li sar bejn il-partijiet huwa kuntratt ta' "Combined Transport" li m'huwiex ikkontemplat speċifikament la fil-liġijiet speċjali u lanqas fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-preskrizzjoni applikabbli għaldaqstant ma jistax ħlief jirriżulta mir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili. M'huwiex il-kompitu tal-esponenti li jesprimi opinjoni dwar il-preskrizzjoni li hija applikabbli"*

16. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Parnis England Trucking Limited v. World Water Fisheries Limited** (Talba Nru 125/2009, Tribunal għal Talbiet Żgħar, per Ġudikant Dr. Greta Mifsud) intqal illi:

> *"Il-garr tal-merkanzija in kwistjoni ma kienitx wahda limitata ghal noll, izda tista' tigi deskritta bhala wahda ta' combined transport, fis-sens li kien hemm diversi mezzi tat-trasport u persuni jew vetturi, utilizzati ghal garr ta' merkanzija, li ma jistghux jigu deskritti bhala noll u di piu' l-Artikolu 544 (a) jikkontempla preskrizzjoni qasira, li m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha, izda pjuttost wahda restrittiva. Ghalhekk, din id-disposizzjoni tal-ligi ma tikkonkludix taht il-parametri taghha, combined transport, izda semplicement l-ingaggar ta' xi persuna sabiex tiehu hsieb u torganizza l-mod kif il-merkanzija ser titlaq minn destinazzjoni u tasal f'destinazzjoni ohra."*

17. Il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament għaqli tal-qrati tagħna fuq din il-materja u għalhekk anke din l-eċċezzjoni ulterjuri ta' dekadenza sejra tiġi respinta.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri ta' dekadenza/preskrizzjoni sollevata mill-intimata ai termini tal-Art. 544(a) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-prosegwiment tal-kawża. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur